



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2018
(OR. it, en)

13598/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0328 (COD)

CODEC 1810
ECO 91
AGRILEG 174
SAN 354

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kunsill EBA/EMA

"Waqt li jfakkar l-impenn tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għal kooperazzjoni sinċiera u trasparenti, u fid-dawl tal-proċess segwit għar-rilokazzjoni tal-EMA u l-EBA, li kien speċifiku għas-sitwazzjoni u ma jikkostitwixxix preċedent għas-sede ta' aġenziji fil-futur,

Filwaqt li jfakkar fit-Trattati, il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta' skambju ta' informazzjoni msaħħa mill-istadji inizjali ta' proċessi futuri għas-sede ta' aġenziji.

Tali skambju ta' informazzjoni bikri jagħmilha eħfef għat-tliet Istituzzjonijiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont it-Trattati permezz ta' proċeduri relatati.

Il-Kunsill jieħu nota tat-talba mill-Parlament Ewropew li tiġi riveduta, mill-aktar fis possibbli, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar Aġenziji deċentralizzati tal-2012. Bħala l-ewwel pass, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex ttipprova, sa April 2019, analiżi fil-fond dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u Approċċ Komuni fir-rigward tas-sede ta' Aġenziji deċentralizzati. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi biex tiġi vvalutata t-triq 'il quddiem fl-involvement mal-proċess ta' reviżjoni bħal din."

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja ma tistax tappoġġa l-proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar is-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA). Kif iddikjarat fl-azzjoni li ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Jannar 2018 (Kawża C-59/18), il-Gvern Taljan jikkunsidra li d-deċiżjoni, adottata fil-marġini tal-laqgħa tal-20 ta' Novembru 2017 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-konfigurazzjoni "Affarijiet Ġenerali", li tintgħażel Amsterdam bħala s-sede l-ġdida tal-EMA tammonta għal użu ħażin ta' setgħat kaġun tan-nuqqas ta' investigazzjoni adegwata u distorsjoni tal-fatti, minħabba informazzjoni mhux eżatta jew qarrieqa dwar il-karatteristiċi tas-sede l-ġdida f'Amsterdam u l-iskeda ta' żmien biex il-bini l-ġdid ikun operattiv. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li r-rilokazzjoni fil-bini tas-sede l-ġdida (il-Bini Vivaldi) ser isseħħ b'effett mis-16 ta' Novembru 2019 u mhux mill-1 ta' April 2019 kif previst inizjalment fl-offerta Netherlandiża u ddikjarat fir-rapport tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, iċ-ċentru ġdid tal-konferenzi, li huwa essenzjali għall-attivitajiet ċentrali tal-Aġenzija, mhux ser jilħaq ikun lest fl-1 ta' April 2019 kif inizjalment ippjanat iżda minflok ser ikun operattiv biss fl-istess żmien tal-bini l-ġdid, jiġifieri b'effett mis-16 ta' Novembru 2019.